SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru.30/K8/17**

Data tal-laqgħa: 24 ta' April 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Tanti Grecoracy - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (2)**

Is-Sur Clayton Luke Mula - Kunsillier (Inc. 2582/17)
Dott Albert Buttigieg - Viċi Sindku (Inc. 2648/17)

**Assenti:**(0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

30.1.01 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula nforma lill-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc.2582/17)

30.1.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc. 2648/17)

30.1.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu t-tnejn skużati.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

30.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 29/K8/17 għall-approvazzjoni.

30.2.02 Iċ-Ċermen qajjem l-punt fir-rigward 29.3.02 li l-appell tal-Waste Collection ser jinqata' f'April u mhux f'Marzu.

30.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni ta' Minuti 29/K8/17 bil-korrezzjoni li saret.

30.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha bil-korrezzjoni li saret.

30.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament

30.2.05 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali fejn informa lill-Kunsill li ittieħdu ħafna azzjonijiet fuq l-ilmenti tar-residenti li kien hemm preżenti.

30.2.06 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali. (Kopja annessa).

30.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah.

30.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

30.2.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward 29.5.05 dwar il-korsijiet tal-kompjuter mingħand it-TCTC, iċ-Ċermen infurmaħ li din ser tiġi diskussa f'din l-aġenda.

30.2.06 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward 29.5.08 dwar il-żjara tal-Pesident ta' Malta l-Eċċelenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, fejn informa lill-Kunsill li hu attenda għal din iċ-ċerimonja ħdejn il-Monument ta' Ċensu Tabone u fejn min-naħa tal-Kunsill tpoġġa bukkett fjuri għal din l-okkażjoni. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-bukett fjuri għadu mal-monument sabiex jitneħħa.

30.2.07 Saret riferenza fir-rigward il-Valletta18, fejn is-Segretarju ta spjegazzjoni dwar il-laqgħa li kellu mas-Sinjura Joanna Mangion li hija l-koordinatur tal-Valletta18 dwar l-attivita' li jixtiequ jagħmlu fil-Pjazza ta' Spinola. Din kellha tibgħat aktar dettalji.

30.2.08 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward l-attivita' ta' Festa Lapsi, fejn informa lill-Kunsill li mil-laqgħa li saret ma' Transport Malta ma ġiex aċċetat li tingħalaq it-triq. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 29 ta' April 2017 ser issir laqgħa mal-Għaqdiet tal-Lokalita' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-2.00p.m., għaldaqstant kull min hu interessat jista' jattendi. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li din issir fil-Pjazza tal-Balluta nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 2017.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nkitbu madwar 6,835 ittra fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li kienu għadhom pendenti qabel ma bdew ir-Reġjuni u nforma lill-Kunsill li l-ammont li tħallas minn dawn iċ-ċitazzjonijiet tela' għal €27,000.

30.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser isir *cofee morning* għar-residenti fl-4 ta' Mejju 2017 ġewwa l-Limestone Heritage. Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li din tintbagħat bħala email lill-Kunsilliera kollha bħala *reminder*.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

30.4.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

30.4.02 Saret sospenzjoni tar-regolamenti ta' l-aġenda sabiex item 30.14 jiġi diskuss qabel l-items l-oħra. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 30.14 Mozzjoni dwar bon ordni waqt attivitajiet pubbliċi fil-madwar ta' San Ġiljan

30.14.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana ressaq l-mozzjoni li qed tiġi proposta min-naħa tal-Kunsilliera tal-Partit Laburista.

30.14.02 Huwa spjega li din il-mozzjoni qed tintalab min-naħa tagħhom sabiex nissalvagwarjaw lir-residenti filwaqt li jkun hemm bon ordni waqt attivitajiet bħal dawn ġewwa l-lokalita' tagħna.

30.14.03 Iċ-Ċermen ressaq kontra mozzjoni.

30.14.04 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Martin John Sultana talab li l-Kunsill jiltaqa' sabiex jiddiskuti l-mozzjoni bil-punti li ressaq iċ-Ċermen kif ukoll il-Kunsillier Martin John Sultana. Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-laqgha ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2017 fl-4.00p.m. fejn fiha issir ukoll diskussjoni dwar il-mozzjoni pendenti li kien hemm fuq l-istess suġġett.

**30.5 *Audit Adjustments* tar-Rapport Finanzjarju proposti mill-Awdituri;**

30.5.01 Is-Segretarju ressaq l-Audit *Adjustments* tar-Rapport Finanzjarju proposti mill-Awdituri, fejn ta spjegazzjoni tagħhom.

30.5.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament mal-Audit *Adjustments* tar-Rapport Finanzjarju proposti mill-Awdituri. (Kopja annessa).

30.5.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ġie skużat fil-5.30p.m.

**30.6 Kors tal-komputer fil-perjodu tas-sajf**

30.6.01 Iċ-Ċermen spjega dwar kors tal-komputer fil-perjodu tas-sajf mingħand it-TCTC u spjega li bħala post fejn il-Kunsill joffri dan is-servizz m'għandux, huwa ltaqa' mal-Kapillan tal-paroċċa tal-Balluta, fejn offra post adekwat lill-Kunsill sabiex isiru dawn il-korsijiet. Huwa spjega li l-Kunsill irid jħallas l-ammont ta' €1,000 u €50 ghal kull tifel jew tifla li japplikaw għal dan il-kors. Minħabba li l-ammont involut huwa kemm xejn għoli, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser ikun qiegħed jara jekk tistax tingħata l-għajnuna min-naħa tar-Reġjun.

**30.7 Ġbir ta' skart matul ix-xhur tas-Sajf**

30.7.01 Iċ-Ċermen spjega kif il-ftehim fil-preżent huwa li nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa ma' jinġabrux il-boroż is-suwed. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li matul il-perjodu tas-sajf ser jinġabru l-boroz is-suwed ukoll meta tinġabar l-griza f'ċertu żoni.

**30.8 Ħlas ta' rifużjoni dwar permessi ta' San Patrizju**

30.8.01 Iċ-Ċermen ressaq it-talbiet li l-Kunsill irċieva mingħand l-applikanti li għamlu d-depożitu ta €100 għal Festa ta' San Patrizju.

30.8.02 Wara diskussjoni fit-tul, iċ-Ċermen ma kienx qiegħed jaqbel li dawn jingħataw lura minħabba li kulħadd ħalla l-ħmieġ wara l-attivita'.

30.8.03 Il-Kunsillier John Agius qiegħed jitlob li l-ammont ta €100 tingħata lura lil min kien ġenwin u naddaf wara l-attivita'.

30.8.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lil dawk li applikaw għar-rifużjoni ta' €100 għal Festa ta' San Patrizju, sabiex jirrinunzjaw għal ħlas lura tad-depożitu biex jagħmel tajjeb għat-tindif li kellu jsir wara l-attivita'.

**30.9 Ġieħ San Ġiljan**

30.9.01 Ġieħ San Ġiljan ser isir nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017 ġewwa l-iskola Primarja ta' San Ġiljan.

30.9.02 Iċ-Ċermen ippropona dawn il-persuni biex jingħataw Ġieħ San Ġiljan :

a. Patri Leonard Mahoney
b. Dun Guido Calleja
c. Dun Guzepp Busutill
d. Is-Sur Peter Calamatta
e. Is-Sur Chris Delicata
f. Is-Sinjura Carmen Muscat
g. Is-Sur Joe Sillatto
h. Is-Sinjura Roseanne Debono
i. Is-Sur Duncan Micallef
j. Is-Sur Charles Camenzuli.
k. Is-Sinjura Martha Fenech
l. Is-Sur Lino Attard

30.9.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**30.10 Talbiet żgħar**

**30.10.01 Problema tal-Cavallieri Hotel (Inc. 1413/17 & Inc. 1790/17)**

30.10.01.01 Saret riferenza għall-emails li l-Kunsill irċieva fir-rigward il-problema tal-Cavallieri Hotel. Iċ-Ċermen spjega kif dan ix-xogħol kien sar permezz tal-Perit tal-Kunsill li kellu qabel. Is-

Segretarju ħa parir ukoll mingħand l-Avukat fejn spjega li minħabba li dan ix-xogħol sar bil-permessi meħtieġa u skond ir-regolamenti ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kelniex nidħlu f'diskussjonijiet dwar dak li qed jallegaw il-Cavallieri Hotel. Għalhekk kien hemm qbil li ma nieħdux sehem f'diskussjonijiet fuq dan is-suġġett.

**30.10.02 Residential Parking fi Triq Alfred Gauci (Inc. 1922/17)**

30.10.02.01 Iċ-Ċermen talab li din l-ittra tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Viċi Sindku m'huwiex preżenti u kien hu li għamel it-talba.

**30.10.03 Diskussjoni dwar imwejjed u siġġijiet (Inc. 2024/17)**

30.10.03.01 Iċ-Ċermen talab li din l-ittra tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Viċi Sindku m'huwiex preżenti u kien hu li għamel it-talba.

**30.10.04 Ittra mingħand is-Soċjeta Mużikali Spinola (Inc. 2113/17)**

30.10.04.01 Iċ-Ċermen talab li din l-ittra tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Kunsillier Clayton Luke Mula m'huwiex preżenti għal-laqgħa.

**30.10.05 Talba mingħand il-Paroċċa San Giljan (Inc. 2397/17)**

30.10.05.01 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand is-Sinjura Marika Borg Wirth f'isem il-Paroċċa ta' San Ġiljan b'talba sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizazzjoni ta' ħarġa għal-Għawdex. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**30.10.06 Talba mingħand il-*Malta Horticultaral Society* (Inc. 2398/17)**

30.10.06.01 B'riferenza għat-talba mingħand il-Malta Horticultaral Society. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jipparteċipa bħal għas-snin ta' qabel.

**30.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv**

30.11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 27/KA2/17 tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv u talab l-approvazzjoni tagħhom.

30.11.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv 27/KA2/17.

**30.12** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tas-Sotto Kumitat;**

30.12.01 Iċ-Ċermen tas-Sotto Kumitat għat-tisbiħ ta' l-ambjent il-Kunsillier Edgar Montanaro ressaq il-punt li ġew diskussi waqt l-ewwel laqgħa ta' dan is-sotto kumitat. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel mal-punti mqajjma u li għandha tittieħed azzjoni fuqhom. (Kopja annessa).

**30.13** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti**

30.13.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi ' ')

30.13.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

30.13.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

30.13.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

30.13.05 Ġew approvati wkoll il-Purchase Request Sheets.

**30.15** **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

30.15.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2017 fl-4.00p.m.

30.15.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 22 ta' Mejju 2017